23 ta' Novembru, 1953

Imħallfin :—

Is-S.T.O. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.;

L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.;

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Carmelo Bajada *versus* Gaetana Spiteri

**Lokazzjoni — Board tal-Kera — Destinazzjoni tal-Fond.**

*Meta f'post mikri għall-abitazzjoni jsir xogħol ta' mastrudaxxa b'mod li parti minn dak il-fond tiġi konvertita f'opifiċju għall-manifattura tal-għamara, u min jagħmel dan ix-xogħol jagħmlu mhux bħala dilettant u għall-bżonnijiet tiegħu, imma bħala bniedem tas-sengħa u għal ħadd ieħor, u dan isir bla permess tas-sid, ikun hemm kambjament tad-destinazzjoni tal-fond li minħabba fih l-inkwilin jinkorri fis-sanzjoni tal-liġi.*

*U dan avvolja dak ix-xogħol isir mingħajr permess tal-Pulizija; għax dan il-permess ma hux kondizzjoni essenzjali biex jiġi deżunt il-kambjament tad-destinazzjoni tal-fond, għalkemm, meta jkun hemm, dak il-permess huwa indizju qawwi ta' dak il-kambjament.*

Il-Qorti — Wara li rat it-talba tar-rikorrent Carmelo Bajada biex jerġa' jieħu taħt idejh il-fond nru. 6, Alley I, De Rohan Street, Żebbuġ, mikri lill-intimata Gaetana Spiteri, għax din biddlet id-destinazzjoni tiegħu;

Rat is-sentenza mogħtija minn dak il-Board fit-30 ta' Marzu 1953, li biha ġiet miċħuda t-talba, bl-ispejjeż; wara li kkunsidra;

Li l-post kien mikri lill-intimata għall-abitazzjoni tagħha u tal-familja tagħha, u fil-fatt għalhekk serva u għadu jservi sal-lum;

Li huwa veru li l-intimata kellha tifel magħha, Nazza-

reno Spiteri, li kien għamel xi xogħol ta' mastrudaxxa fil-post, imma dan kien jaħdem fil-privat u f'xi "spare time" li kien ikollu; għax hu kien impjegat, u ma kienx jirritorna d-dar ħlief fil-għaxija fit-tard. Lanqas biss ma kellu permess tal-Pulizija;

Li b'daqshekk ma jistax jingħad li *tbiddlet* id-destinazzjoni tal-post; għax billi wieħed jagħmel xi ħaġa tax-xogħol fil-post fejn jabita, b'daqshekk huwa ma jkunx biddel id-destinazzjoni tal-post. Kien ikun differenti kieku kien hemm xi permess tal-Pulizija fuq il-post, għax allura kien ikun sar "ħanut" skond id-definizzjoni ta' dik il-kelma mogħtija f'*section* 2 tal-Kap. 109 Ed. Riv. LL. ta' Malta;

Li fuq il-konsiderazzjonijiet premessi t-talba jonqosha kwalunkwe fondament fil-liġi, u kien għal din ir-raġuni li ġiet miċħuda t-talba għas-sejħa fil-kawża ta' oħt ir-rikorrent, li hija komproprjetarja tal-fond, u li l-partijiet ġew dispensati mill-produzzjoni ta' provi oħra;

Li mbgħad, indipendentement mill-premess, ir-rikorrent joqgħod bieb ma' bieb ma' l-intimata, u ma setax ma kienx jaf li binha kien jagħmel xi xogħol ta' mastrudaxxa fil-post. Infatti huwa stess kien ħa xi biċtejn injamiet u serrieq minn għand Nazzareno Spiteri fl-okkażjoni meta, preżenti hu, kienet saret l-ispezzjoni tal-fond mill-Membri Tekniċi tal-Board biex jiġi fissat il-kera xieraq tal-fond. L-istess oħt ir-rikorrent kienet ordnat erbgħa kwadri lil Nazzareno Spiteri, u kienet ħallsitu;

Rat ir-rikors ta' l-imsemmi Carmelo Bajada quddiem din il-Qorti, fejn talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, billi jiġi deċiż għat-tenur tat-talba tegħu, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-intimata Spiteri;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi ma hemmx kwistjoni bejn il-partijiet li l-post imsemmi fir-rikors ġie mikri għall-abitazzjoni, u l-pretensjoni ta' l-appellant hija li dik id-destinazzjoni tal-fond ġiet mibdula billi l-appellata qiegħda tagħmel mill-fond użu divers, li jikkonsisti fil-manifattura ta' mobbli da parti tat-tifel ta' l-istess appellata;

Ikkunsidrat;

Illi jirriżulta mill-provi li Nazzareno Spiteri. tifel ta' l-appellata, kien ilu minn żmien twil jaħdem ta'mastrudaxxa f'dak il-fond. Huwa jinsab impjegat bħala mastrudaxxa fil-fabbrika ta' ċertu Agius, u meta kien imur id-dar, wara x-xogħol, huwa kien jaħdem xogħol ieħor fuq kummissjonijiet li kienu jiġu lilu mogħtija. Dak ix-xogħol ġie li għamlu anki f'ħin ieħor tal-ġurnata, meta huwa ma kienx imur għand Agius, u kien jikkonsisti fil-manifattura ta' mobbli, bħal gwardarobi, vetrini, cocktail cabinets, komodini, eċċ. Dan ix-xogħol Nazzareno Spiteri kompla jagħmlu sa żmien qrib il-preżentata tar-rikors, kif jidher mix-xhieda...........;

Ikkunsidrat;

Illi dak ix-xogħol ta' mastrudaxxa Nazzareno Spiteri kien jagħmlu mhux bħala dilettant u għall-bżonnijiet tiegħu iżda bħala bniedem tas-sengħa u għal ħadd ieħor, u minħabba dak ix-xogħol huwa, bil-kunsens ta' l-appellata, ikkonverta dak il-fond, jew biċċa minnu, f'opifiċju għall-manifattura tal-għamara, kuntrarjament għad-destinazzjoni ta' l-istess fond, li kienet dik biss ta' l-abitazzjoni, u b'hekk l-appellata nkorriet fis-sanzjoni tal-liġi, li tagħti lis-sid id-dritt li jieħu lura l-fond meta l-inkwilin jagħmel minnu użu divers minn dak li għalih ġie lilu mikri. Xejn ma jiswa li Nazzareno Spiteri ma kellux permess tal-Pulizija biex jaħdem ta' mastrudaxxa f'dak il-fond. għax dak il-permess mhux kondizzjoni essenzjali biex jiġi deżunt il-kambjament ta' destinazzjoni, għalkemm meta jkun hemm dak il-permess, ikun hemm indizju qawwi ta' dak il-kambjament;

Ikkunsidrat;

Illi ma ġiex pruvat b'mod soddisfaċenti li l-appellanti. jew oħtu Liberata, komproprjetarja ta' l-istess fond, ippres-taw il-kunsens tagħhom biex l-imsemmi Nazzareno Spiteri jagħmel xogħol ta' mastrudaxxa f'dak il-fond;

Għar-raġunijiet fuq miġjuba;

Wara li tastjeni li tieħu konjizzjoni ta' l-eċċezzjoni ta' l-inappellabilità minħabba r-rinunzja da parti ta' l-appellata;

Tilqa' l-appell u tirrevoka s-sentenza appellata; u konsegwentement tilqa' t-talba kontenuta fir-rikors, u tagħti lill-

appellata Gaetana Spiteri xahrejn żmien biex tiżgombra mill-fond fl-istess rikors imsemmi; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-imsemmija Gaetana Spiteri.